MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 287/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Micallef)
Vs
Violet Debono

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tat-8.00 p.m. u fil-granet ta' qabel fi Flat 3, Blue Gardenia, Triq Bir ir-Riebu, Rabat :
1) zammet kelb ta' l-ghassa li ma kienx provdut bi protezzjoni mix-xemx, xita w kesha permezz ta' struttura ta' l-injam jew tal-gebel u kemm il-darba ma giex moghti ezercizzju regolari bizzejjed;
2) zammet kelb ta l-eta' ta' sitt xhur jew aktar minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru, 2002, li biha

wara li rat il-Kap. 10, Art. 154 (C) u Kap. 312 Sec 3 (1), sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha w ikkundannata ghall-tlett (3) ijiem detenzjoni fuq l-ewwel imputazzjoni w LM5 amenda fuq it-tieni imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-21 ta' Novembru, 2002, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell taghha fis-sens li thassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabitha hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha w tilliberha minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tallum l-appellanti rtirat l-aggravju dwar it-tieni akkuza u l-Avukat Generali iddikjara li l-ewwel aggravju huwa gustifikat.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma jibqaliex hlief li tiddikjara illi l-ewwel aggravju tal-appellanti dwar is-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni huwa fondat u dan ghaliex l-artikolu 155(c) tal-Kap 10 kien gie revokat bl-Att XXV tal-2001 meta l-allegat reat suppost li sar f'Gunju tas-sena 2002. Mill-banda l-ohra pero' una volta li gie rtirat l-aggravju dwar is-sejbin ta' htija fuq it-tieni mputazzjoni, s-sentenza appellata ghandha treggi fir-rigward tat-tieni mputazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament ghall-ewwel imputazzjoni w tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta' l-ewwel imputazzjoni minhabba li r-reat kien gie abrogat bl-Att XXV tas-sena 2001 u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellanti hatja tat-tieni mputazzjoni w ikkundannatha LM5 ammenda.

-------------------------------TMIEM-------------------------------